MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru 553/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SHARON TANTI**

**VS**

**MARYANNE DECELIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Maryanne Decelis ta' 36 sena, mart John, bint Bartolomeo, u Nazzarena nee' Cilia, imwielda Birkirkara, nhar l-20 ta' Lulju, 1969, residenti fil-fond numru 31, Block 4, Dun Nerik Perez Cardona Street, Hamrun, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 361069 (M);

Akkuzata talli f'Gunju 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

A. Meta kellha r-responsibbilta' ta' Rebecca u Abigail Decelis, it-tnejn li huma, tfal ta' taht it-tnax-il sena, b'atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil, haqret lill-istess tfal imsemmija jew gieghlet jew ippermettiet il-mohqija tat-tfal b'mezzi simili, u dan bi ksur tal-Artikolu 247(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

B. U aktar talli kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-perusni ta' Rebecca u Abigail Decelis, minuri ta' 5 (hamsa) u 4 (erbgha) snin rispettivament, kif iccertifikat minn Dr Cheryl Vella (Reg. 2774) tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 221, u 222 1 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

C. U kif ukoll talli, ghad li kellha l-jhedd li twiddeb lil Rebecca u Abigail Decelis, harget barra mill-qies, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Wara li rat id-dokumeneti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.
Wara li rat l-Artikoli 247 A(1), 221 (1) u (4), 222 (1)(b), u 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputata Maryanne Decelis hatja ta' akkuzi A u C kif dedotti kontrieha, u tikkundannaha gha terminu ta' prigunerija ghal zmien sena (1) sospiza ghal sentejn (2), *ai termini* ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda ma ssibhiex hatja ta' akkuza B, u ghaldaqstant tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------